**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta’ sessjoni*

**B10-0222/2024 }**
**B10-0224/2024 }**
**B10-0227/2024 }**
**B10-0228/2024 }**
**B10-0230/2024 } RC1**

18.12.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0222/2024 (The Left)
B10-0224/2024 (S&D, Verts/ALE)
B10-0227/2024 (Renew)
B10-0228/2024 (PPE)
B10-0230/2024 (ECR)

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kirgistan, b’mod partikolari l-każ ta’ Temirlan Sultanbekov
(2024/2993(RSP))

**Sebastião Bugalho, Tomáš Zdechovský, Michael Gahler, Željana Zovko, Andrey Kovatchev, Isabel Wiseler-Lima, Mirosława Nykiel, Vangelis Meimarakis, Luděk Niedermayer, Sandra Kalniete, Ingeborg Ter Laak, Wouter Beke, Jessica Polfjärd, Inese Vaidere, Jan Farský, Danuše Nerudová**
f’isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Nacho Sánchez Amor**

f’isem il-Grupp S&D
**Adam Bielan, Sebastian Tynkkynen, Joachim Stanisław Brudziński, Şerban-Dimitrie Sturdza, Assita Kanko, Alexandr Vondra**
f’isem il-Grupp ECR
**Jana Toom, Petras Auštrevičius, Karin Karlsbro, Lucia Yar**
f’isem il-Grupp Renew
**Catarina Vieira**
f’isem il-Grupp Verts/ALE
**Merja Kyllönen**
f’isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kirgistan, b'mod partikolari l-każ ta' Temirlan Sultanbekov**
**(2024/2993(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kirgistan,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi dan l-aħħar saru tfittxijiet fil-kwartieri ġenerali tal-partit Demokratiku Soċjali tal-Kirgistan (SDK); billi qabel l-elezzjonijiet muniċipali ta' Novembru 2024, qorti distrettwali ta' Bishkek ordnat l-arrest preventiv tal-mexxej tal-SDK Temirlan Sultanbekov u ta' uffiċjali oħra tal-partit sat-13 ta' Jannar 2025; billi dawn ġew arrestati fuq allegazzjonijiet ta' xiri ta' voti, b'audiotape ta' oriġini mhux magħrufa jservi bħala l-evidenza primarja, li l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għalih mhijiex ċara u r-rabta tiegħu mad-detenuti mhijiex magħrufa; billi l-SDK wera li l-pagamenti lill-persunal tal-kampanja, kif imsemmi fir-reġistrazzjoni, kienu trasparenti; billi s-Sur Sultanbekov beda strajk tal-ġuħ bi protesta fil-jum tal-arrest tiegħu, u l-kundizzjoni fiżika tiegħu minn dak iż-żmien marret għall-agħar serjament; billi l-Kummissjoni Elettorali ta' Bishkek skwalifikat il-kandidati muniċipali tal-partit f'Bishkek;

B. billi f'dawn l-aħħar snin, l-istandards demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fil-Kirgistan marru għall-agħar b'mod allarmanti;

C. billi l-media indipendenti, bħal Kloop, Temirov Live, Ait Ait Dese u Azattyk, il-ġurnalisti u l-bloggers għadhom qed jiffaċċjaw repressjoni; billi kemm il-ġudikatura kif ukoll l-vjolenza tal-viġilanti qed jintużaw dejjem aktar biex irażżnu lill-avversarji politiċi u lill-kritiċi tas-soċjetà ċivili;

D. billi l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) bejn il-Kirgistan u l-UE huwa soġġett għall-proċedura ta' approvazzjoni tal-Parlament u jirrikjedi l-konformità sħiħa tal-Kirgistan mad-dmir tiegħu li jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u jirrispetta l-istandards demokratiċi;

1. Jinsab imħasseb dwar ir-raġunijiet dubjużi għad-detenzjoni ta' Temirlan Sultanbekov u ta' attivisti oħra favur id-demokrazija fil-Kirgistan u l-motivazzjoni politika possibbli wara l-każ kriminali kontrihom;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kirgistani jeħilsu minnufih lis-Sur Sultanbekov u lil uffiċjali oħra tal-partit u jadottaw miżuri alternattivi għad-detenzjoni, filwaqt li jirrispettaw id-dritt tagħhom għal proċess debitu f'konformità mad-drittijiet ċivili u politiċi ggarantiti skont il-kostituzzjoni Kirgistana u l-obbligi internazzjonali; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw is-sikurezza u l-benesseri tiegħu;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern Kirgistani jtemm l-kampanja tiegħu ta' intimidazzjoni u persekuzzjoni legali kontra l-partiti tal-oppożizzjoni, il-mezzi tal-media indipendenti u

l-ġurnalisti; jinsab imħasseb dwar l-adozzjoni tal-liġi stil Russu dwar l-"aġenti barranin"; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kirgistani jwaqqgħu l-akkużi kollha kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi Makhabat Tazhibek Kyzy, Azamat Ishenbekov, Aktilek Kaparov u Ayke Beishekeeva, ġurnalisti mill-kanali Temirov Live u Ait Ait Dese;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgistani jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards demokratiċi u l-libertajiet fundamentali f'konformità mal-EPCA u l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus;

5. Jappella lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, b'mod partikolari d-Delegazzjoni tal-UE għall-Kirgistan, ikomplu jesprimu t-tħassib serju tagħhom dwar id-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet Kirgistani, u jikkunsidraw azzjoni oħra jekk is-sitwazzjoni tkompli tmur għall-agħar;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali, lill-Istati Membri, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-awtoritajiet Kirgistani.